MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 401/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Farrugia talli:

(1) Filwaqt li kien fir-residenza numru 47, Triq Napulun Caruana Dingli, Hal-Tarxien, fid-9 ta’ Mejju 2004, ghal habta tal-10.40 ta’ filghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ ohtu Salvina Attard, minn Hal Tarxien, f’periklu car, ikkagunalha ferita ta’ natura gravi, kif iccertifika Dr.Kevin Zammit M.D. mill-Casualty Dept. ta’ l-Isptar San Luqa, liema ferita iggibilha debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Francis Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-15 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Jghid illi ghalkemm l-ewwel Qorti qalet illi kien hemm konflitt ta' provi, ma kienx hemm konflitt li ragjonevolment seta' wassal ghal liberazzjoni u dan peress illi kemm il-vittma kif ukoll ommha kkonfermaw illi kien l-appellat li mbotta lil ohtu.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi

ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph**

---

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

**Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Issa, dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fir-residenza ta' Maria Farrugia, omm l-appellat u l-vittma Salvina Attard, fid-9 ta' Mejju 2004. Il-verzjonijiet moghtija huma s-segwenti:

Salvina Attard qalet li meta dahlet ghand ommha kien hemm l-appellat jghajjat ma' ommhom u jargumenta maghha. Hija qaltlu "mill-granet kollha llum, jum l-omm, gejt tiggieled maghha, imissek tisthi". Qalet li kellu rabja kbira fuqu, li dar fuqha, imbuttaha minn sidirha u hi waqghet lura; zammet b'idha x-xellugija u dak il-hin harget qisha ghadma minn idha u ntefhitilha. In kontro-ezami cahdet illi zelqet fit-tapit u qalet li meta rat lil huha gej fuqha, baqghet wieqfa fejn kienet.

Maria Farrugia qalet li fil-gurnata in kwistjoni l-appellat dahal ghandha rrabjat mill-ewwel. Meta waslet Salvina Attard, din staqsiet ghaliex kien hemm dak l-ghajjat u kienet *"Mother's Day"*, l-appellat mar ghaliha, distanza ta' tliet metri u mbuttaha minn sidirha u waqghet fl-art.

L-appellat gie interrogat mill-Pulizija fl-14 ta' Mejju 2004. Huwa kkonferma li fid-9 ta' Mejju kien ghand ommu meta dahlet ohtu Salvina x'hin kien qieghed jargumenta ma' ommhom. Sema' lil Salvina tghajjat, hares lura u raha fl-art. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti cahad li kien mess lil ohtu, insista li mhux hu kkawzalha l-waqa' u li hu ma mbuttahiex.

Jista' jinghad li hemm element ta' kontradizzjoni fix-xiehda ta' Salvina Attard peress illi meta fl-ezami tghid li l-appellat "dar fuqha", dan ifisser li kien proprju hdejha, filwaqt illi in

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

kontro-ezami tghid li ratu "gej fuqi" u li "gie bil-girja fuqi" u li allura jfisser li ma kienx hdejha. Dak li fil-fatt qalet in kontro-ezami jaqbel ma' dak li qalet Maria Farrugia fis-sens li l-appellat "mar ghaliha". Kontra dak li qalu dawn ix-xhieda hemm ic-cahda konsistenti ta' l-appellat u l-ispjegazzjoni li ta li ohtu kienet zelqet fit-tapit fl-intrata (ara xiehda ta' l-Ispettur Jesmond Borg kif ukoll l-okkorrenza fejn jinghad illi l-appellat qal li ohtu *"rushed into his mother's residence and had tripped on the mat"*). Irid jinghad ukoll illi ghal dan kollu kien hemm retroxena ta' disputi bejn l-appellat u membri ohra tal-familja tieghu, inkluzi ommu u ohtu Salvina Attard.

L-ewwel Qorti kkonkludiet illi "n-norma tal-konflitt ta' provi bla dubju ghandha tkun applikata f'dan il-kaz u certament il-Qorti ma tistax, moralment, minghajr ebda ombra ta' dubju tikkonkludi kontra l-imputat fl-isfond ta' dawn il-konflitti" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fid-dawl tas-suespost u stante li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' u tara x-xhieda u ghalhekk setghet tqis dak kollu li jipprovdi l-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, "jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti", kif ukoll "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra" u "c-cirkostanzi kollha tal-kaz", din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti effettivament setghet ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------